MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 30/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Philip Sultana talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April u Mejju tas-sena 2002 kif ukoll fix-xhur ta' wara:

(1) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn oggetti li l-ammont taghhom mhux aktar minn Lm300 liema oggetti kienu jappartjenu lis-socjeta` St. Thomas Supermarket li huwa ta' certu Claudio Cassar u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta’ l-oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat;

(2) jew inkella kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom xorb u ikel li l-valur taghhom huwa ta’ mhux iktar minn Lm300 u dan ghad-detriment ta’ Claudio Cassar, St Thomas Supermarket u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-persuna;

(3) fl-istess zmien u cirkostanzi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar Malta u sew jekk barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Philip Sultana hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 261, 267 u 268, 279(a), 280, 20 u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sentejn habs [*recte:* prigunerija] sospizi ghal erba’ snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Philip Sultana pprezentat fl-4 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Jghid li l-ewwel Qorti kkummentat avversament dwar ix-xiehda ta' l-appellant ghax kien aktar elokwenti fix-xiehda tieghu milli fl-istqarrija. Dan ma jfissirx illi d-deposizzjoni tieghu m'ghandhiex mis-sewwa ghaleix il-punt kardinali hu li l-appellant mill-bidu nett baqa' jinnega l-involviment tieghu fis-serq. Ix-xiehda ta' Claudio Cassar hi kollha detto del detto hlief ghal dak li jirrigwarda t-telf allegatament soffert. Ix-xiehda ta' Giovanni Cassar, Marco Borg u Grace Stvala ma taghti ebda indikazzjoni tal-partecipazzjoni ta' l-appellant fl-allegat serq. L-unika prova tal-prosekuzzjoni hi dik ta' Martin Cilia La Corte li x-xiehda tieghu ma hi kredibbli xejn. F'dan il-kaz, jghid l-appellant, kien hemm element qawwi ta' *circumstantial evidence* li wassal lill-ewwel Qorti biex issib l-appellant hati tat-tieni imputazzjoni. Biex ikun hemm is-sejbien ta' htija fuq *circumstantial evidence* din trid tkun univoka. Ma jfissirx illi jekk verament l-appellant kien ipoggi l-kaxxi barra l-fond in kwistjoni u persuna ohra tmur tigbor dawn il-kaxxi, allura jsegwi illi dak li seta' kien hemm fil-kaxxi (dejjem jekk kien hemm merkanzija fil-kaxxi ghaliex hadd ma xehed illi kien ra x'kien hemm fil-kaxxi) kienet merkanzija misruqa. Dan il-principju japplika wkoll ghax-xiehda ta' Marco Borg u Grace Stivala, liema xiehda kellha tigi skartata mill-ewwel Qorti. L-appellant ikompli jghid illi hu dejjem cahad l-involviment tieghu fis-serq u dan kemm *a tempo vergine*, kemm meta gie interrogat mill-Pulizija u kemm meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu elevaw biss flixkun whisky fir-rigward ta' liema l-prosekuzzjoni ma gabitx prova jekk dak il-flixkun inxtarax mill-fond derubat jew le u wisq anqas kemm-il flixkun kien misruq o meno. Seta' facilment kien Martin Cilia La Corte li zeffen lill-appellant fix-xena. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tasal ghal decizjoni inversa ghaliex jekk kien hemm l-icken dubbju dwar il-htija o meno ta' l-appellant dan kellu jmur favur tieghu. L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni ta' htija a bazi ta' interpretazzjoni zbaljata ta' xiehda indizzjarji, tenut kont tal-fatt li m'hemmx provi diretti. Minghajr pregudizzju ghal dan kollu, l-appellant osserva li *circumstantial evidence does not lie, but may very often deceive* u ghalhekk irid dejjem

jinzamm f'mohh il-gudikant illi l-gustizzja mhux biss trid issir, izda trid tidher li qed issir. Il-prezunzjonijiet ghandhom dejjem isiru bl-akbar reqqa u f'kaz ta' dubbju jew diffikolta` l-gudikant ghandu jiggudika favur l-imputat; (2) l-akkuza li l-prosekuzzjoni ressqet kontra l-appellant hija wahda specifika, ossia li d-dannu sar a skapitu ta' St. Thomas Supermarket mentri mid-dokumenti esebiti da parti ta' Emanuel Farrugia, il-merkanzija in kwistjoni kienet proprjeta` ta' Cassar & Schembri Company Ltd. u mhux ta' St. Thomas Supermarket. Fil-fatt l-appellant kien impjegat ma' dik il-kumpanija. Barra minn hekk mid-dokumentazzjoni esebita, ghalkemm jidher li s-socjeta` in kwistjoni ghamlet telf kbir, il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova lil hinn dettat mir-raguni li l-appellant kien dik il-persuna li serqet merkanzija fl-ammont ta' mhux aktar minn Lm300; (3) il-fedina penali ta' l-appellant hi kwazi wahda netta u l-impozizzjoni ta' sentenza sospiza kienet wahda harxa zzejjed fic-cirkostanzi tal-kaz.

B'referenza l-ewwelnett ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tirreferi ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk: *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."* L-appellant jghid illi l-imputazzjoni li dwarha huwa nstab hati tghid li d-dannu sar a skapitu ta' St. Thomas Supermarket mentri rrizulta li s-serq sar ghad-dannu tas-socjeta` Cassar & Schembri Company Ltd. Ghalhekk jippretendi li ghandu jigi lliberat. Issa, in effetti l-imputazzjoni tghid li s-serq sar ghad-detriment ta' "Claudio Cassar, St. Thomas Supermarket u persuni ohra". Certament is-socjeta` Cassar & Schembri Company Ltd ghandha personalita` distinta minn dik tal-membri taghha u tista' titqies bhala "persuna ohra". Pero` jidher li din is-socjeta` tiggestixxi l-fond St. Thomas Supermarket (indikat fir-rapporti tad-diretturi bhala St. Thomas Discount Store) mnejn sar is-serq u li Claudio Cassar hu wiehed mid-diretturi ta' dik is-socjeta` (ara l-istess rapporti tad-diretturi). Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn irregolari fl-imputazzjoni kif dedotta u konsegwentement it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti. Effettivament il-prova principali mressqa mill-prosekuzzjoni hi dik ta' Martin Cilia La Corte. L-appellant jghid biss li dan ix-xhud mhuwiex kredibbli. Issa, huwa minnu li x-xiehda tieghu hi dik ta' komplici u ghandha titqies b'kawtela, izda fil-verita` l-appellant stess ma jaghti l-ebda raguni ghaliex ix-xiehda tieghu ghandha titqies li mhijiex kredibbli. M'hemm l-ebda prova illi dan Martin Cilia La Corte ried jaghmel xi vendikazzjoni lill-appellant. Dan ix-xhud, li xehed li joqghod zewg bibien boghod mis-supermarket, jghid illi kien xtara xi Lm130 jew Lm150 xorb alkoholiku konsistenti f'whisky u bacardi minghand l-appellant. Jghid li l-ewwel darba kien avvicinah l-appellant u qallu li kellu xi xorb u riedx jixtrieh. Ftehmu li meta jitlaq l-imghallem tieghu, Claudio Cassar, johroglu x-xorb fil-kaxxi fuq wara u hu jghaddi ghalihom u jigborhom. Din grat xi hames jew sitt darbiet u xtara b'kollox xi 48 flixkun. Il-flus kien imur itihomlu f'idu.

Giovanni Cassar, hu Claudio Cassar, xehed dwar xi movimenti li ra fuq wara tas-supermarket mill-appellant u minn certu Martin li joqghod hdejn is-supermarket, bla dubju referenza din ghal Martin Cilia La Corte. Huwa spjega li darba ghal xit-8.00 a.m. jew it-8.30 a.m. mar ihabbatlu xi hadd li qallu jmur barra jittendi "ghax hemm dak li jahdem ma' hija qed jiehu l-affarijiet u jpoggihom gol-karozza". Kien hemm karozza Peugeot 306 silver – mix-xiehda ta' Christopher Darmanin li jahdem id-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi jirrizulta li Martin Cilia La Corte ghandu Peugeot 306 silver – u maghha kien hemm ragel certu Martin li joqghod hdejn is-supermarket u li "attaparsi l-karozza mhux qed tistartja ghax hu nduna li jien rajtu." Dan dahhal kaxxa gol-karozza min-naha ta' wara tas-supermarket. Dik il-kaxxa kien poggiha barra l-appellant li wara rega' dahal is-supermarket u Martin poggiha fil-karozza. Il-kaxxa ma kinitx vojta ghax kien qed jerfaghha b'certu sforz. Fit-tieni okkazjoni ra lill-istess Martin jiehu kaxxa mill-istess post u jaghmilha fil-karozza.  Ghalkemm dan ix-xhud ma rax il-kontenut tal-kaxxi fiz-zewg okkazjonijiet li semma, id-

deskrizzjoni li ta tal-movimenti – almenu f'okkazjoni wahda – bejn l-appellant u Martin Cilia La Corte tikkorrobora d-deskrizzjoni li ta l-istess Martin Cilia La Corte tal-ftehim li xehed li kellu ma' l-appellant ta' kif kellhom isiru l-"konsenji".

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li lil Martin Cilia La Corte jafu minn wiccu u li qatt ma tkellmu. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti sostna li jafu biss bhala klijent u li qatt ma kellu kunfidenza mieghu. Marco Borg, li jahdem fis-supermarket, xehed kif l-ewwel darba li Martin Cilia La Corte mar jixtri minghandu mic-*cheese counter* u ried jixtri salami ta' barra,  mar l-appellant u qallu jzommlu inqas u jehodhom minn fuq haddiehor, izda hu ma riedx u dik kienet l-unika darba li kellem lil Martin ghax ma marx jixtri aktar minghandu. Jekk, kif qal l-appellant, qatt ma tkellem ma' Cilia La Corte, x'wasslu biex jaghmel dik il-proposizzjoni lil Marco Borg? Bniedem li ma tafux u m'ghandekx kunfidenza mieghu ma tmurx taghmel proposizzjoni bhal dik li semma Marco Borg. Marco Borg jirrakkonta wkoll kif kien hemm tliet okkazjonijiet fejn Cilia La Corte mar is-supermarket u halla xi haga fuq xkaffa u ra lill-appellant jigborha. Grace Stivala, impjegata ohra tas-supermarket, tirrakkonta incident simili fejn f'zewg okkazjonijiet persuna ta' statura ta' Martin, izda ma tafx kienx hu ghax ma kinitx ghadha tafu sewwa, giet ghamlet sinjal b'halqha, "bhal speci saffret u telqitlu xi haga fuq l-ixkaffa u Philip mar jigri u dahhalha fil-but." Hadd minn dawn ix-xhieda ma seta' jghid x'kien dak li thalla fuq l-ixkaffa, izda x-xiehda taghhom turi kemm huwa inverosimili dak li qal l-appellant li lil Martin Cilia La Corte jafu biss minn wiccu.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, ic-cahda ta' l-appellant mhijiex verosimili u ghalhekk is-sejbien ta' htija dwar ir-reat ta' serq li ghamlet l-ewwel Qorti kienet korretta.

Kwantu ghall-piena, skond l-artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din hi ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li ma tinghatax fil-*minimum*. Jigifieri l-anqas piena hi dik ta' prigunerija ghal perijodu ta' ghaxar xhur u ghaxart ijiem. Il-piena nflitta mill-ewwel

Qorti taqa' zgur fil-parametri tal-ligi u, bhalma jintqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004** (citat b'approvazzjoni fis-sentenza **The Republic of Malta v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** tal-25 ta' Awissu 2005):

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [1]

[1] Page 1695, para. D23.45

B’hekk anke l-ahhar aggravju qieghed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b’dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilità tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Fl-ahharnett tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu taht l-artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------